# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 17 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 1893/00 AJD*

Veronica Bezzina

vs

Andre Casagrande ghan-nom u
in rappresentanza ta' KETEK
INTERNATIONAL

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut nomine jigi kkundannat ihallas lill-attrici is-somma ta' wiehed u erbghin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm41.10), somma li giet indebitament u minghajr ebda dritt imnaqqsa mill-paga tal-esponenti, li tahdem bhala 'manual assembler' mal-konvenut nomine, meta din kienet certifikata 'sick' u ma setghetx tattendi ghax-xoghol.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 15 ta' Ottubru, 2000, u bl-imghax kontra l-konvenut nomine li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn dan eccepixxa:-

1. Li l-ammont reklamat mhux dovut stante illi l-allegat 'sick leave' ma kienx certifikat mit-tabib tas-socjeta' konvenuta kif rikjest mill-ligi u mill-Ftehim Kollettiv.

Sema' x-xhieda tal-attrici, Dr. Joseph Cassar Delia, Dr. Mario Rizzo Naudi, tal-konvenut nomine u ta' Lorraine Gambin.

Ra l-affidavits ta' Saviour Micallef u Joanne Caruana prezentati mill-attrici.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:
Illi l-attrici hija mpjegata tal-konvenut nomine bhala 'factory girl' u hija wkoll 'shop steward'.

Fid-9 ta' Mejju, 2000, hija kienet ma tiflahx u ghalhekk cemplet il-fabbrika sabiex tinfurmahom li m'hijiex diehla ghax-xoghol u talbet li jibghatulha tabib. Fil-frattemp hija gabet lit-tabib personali taghha li rrilaxjala certifikat mediku (Dok. VB1) u fejn taha erbat ijiem 'sick leave' u ppreskrivielha xi pilloli. Hija spjegat li dan it-tabib qabel kien it-tabib tal-fabbrika. Kmieni wara nofsinhar mar jaraha t-tabib tal-fabbrika, Dr. Mario Rizzo Naudi. Hija wrietu c-certifikat rilaxxjat minn Dr. Cassar Delia u l-pilloli preskritti mill-istess tabib.

L-attrici qalet li Dr. Rizzo Naudi m'ezaminahiex u rrilaxxjala certifikat ta' gurnata (Dok. VB 2) u qalilha li l-ghada kellha tirritorna lura ghax-xoghol. L-ghada, u cioe' fl-10 ta' Mejju, 2000, hija ma dahlitx lura ghax-xoghol ghaliex kienet ghadha mugugha u ghalhekk regghet cemplet il-fabbrika sabiex tirraporta li kienet ghadha ma tiflahx. Rega' mar jaraha Dr. Rizzo Naudi li ried jinvistaha izda hija rrifjutat ghaliex irriteniet li huwa kien fi dmir li jinvistaha l-ewwel darba, u una volta li m'ghamilx hekk, hija kienet tilfet kull fiducja fih. L-attrici qalet ukoll li fid-9 ta' Mejju, 2000, hija ma kienitx talbet lil Dr. Rizzo Naudi biex jinvistaha ghaliex kien fid-dmir tieghu li jitlob biex jinvistaha. L-attrici sostniet ukoll li l-konvenut nomine gieli accetta certifikati medici mit-tobba personali tal-impjegati.

Illi Dr. Cassar Delia kkonferma l-kontenut tac-certifikat mediku rilaxxjat minnu (Dok. VB1). Huwa qal li l-attrici kienet infurmatu li t-tabib tal-kumpanija ma kienx qabel mad-diagnosi tieghu. Huwa hass li bhala forma ta' etika professjonali dan kellu jikkomunika mieghu una volta li ma qabilx mal-kontenut tac-certifikat mahrug minnu. Huwa ghalhekk cempel lil Dr. Rizzo Naudi sabiex jikkonfrontah, u dan tal-ahhar qallu li skond hu l-attrici ma kellha xejn. Dr. Rizzo Naudi ikkonferma li huwa mar jara lill-attrici u din qaltlu li kellha 'low back pain'. Huwa kkonferma li m'ezaminax lill-attrici izda wasal ghad-diagnosi li hija ma kellha xejn b'dak li huwa sejjah 'occhio clinico' u kompla jispjega b'liema mod ghamel din id-diagnosi. Huwa spjega li diagnosi 'ad occhio clinico' tfisser diagnosi fuq bazi ta' osservazzjoni. Huwa qal ukoll li l-ghada rega' mar jinvista lill-attrici izda din irrifjutat thallih jezaminaha. Huwa spjega li fit-tieni okkazzjoni ghazel li ma jutilizzax il-metodu tal-'occhio clinico' ghaliex una volta li l-pazjent jirrealizza li t-tabib ikun ghamel hekk, dan jista' jirrecta dwar is-sintomi li jkun qed ihoss.

Illi Dr. Rizzo Naudi rega' xehed fis-seduta tal-4 ta' April, 2001, fejn ta spjegazzjoni ghaliex kien iffirma c-certifikati medici rilaxxjati lil Joanne Caruana u Saviour

Micallef (Dok. LG1 u 2) li huma wkoll impjegati tal-konvenut nomine. Dawn ic-certifikati kienu rilaxxjati minn tabib ta' Polyclinic u minn Dr. Cassar Delia rispettivament. Dan ix-xhud spjega li huwa ffirma dawn ic-certifikati ghaliex kien jaqbel mal-kontenut taghhom.

Andre' Casagrande, il-konvenut nomine, spjega li r-raguni li huma naqsu l-ammont ta' wiehed u erbghin liri Maltin u ghaxar centezmu (Lm41.10) mill-paga tal-attrici, kien li skond il-'collective agreement', assenza mix-xoghol minhabba mard trid tigi certifikata mit-tabib tal-kumpanija.

Lorraine Gambin, il-Human Resources Manager tal-konvenut nomine, wkoll irribadiet li l-posizzjoni tal-kumpanija hija cara dwar il-fatt li 'sick leave' jithallas lill-impjegati biss fl-eventwalita' li L-mard jigi certifikat mit-tabib tal-kumpanija. Din ix-xhud spjegat ukoll li c-certifikati rilaxxjati lil Joanne Caruana u Saviour Micallef (Dok. LG1 u 2) gew accettati mill-kumpanija wara li gew 'endorsed' minn Dr. Rizzo Naudi.

Ikkunsidra:
Illi l-attrici qed tikkontendi li Dr. Rizzo Naudi agixxa b'mod skorrett u li huwa kellu jezaminaha u mhux jaghmel diagnosi 'ad occhio clinico'. Hija ghalhekk tal-fehma li l-konvenut nomine kellu jaccetta c-certifikat rilaxxjat mit-tabib personali taghha bhal ma ghamel fil-kaz ta' impjegati ohra.

Illi fil-fehma tat-Tribunal klawzola 18 (a) tal-'Collective Agreement' li tghid 'A medical certificate issued by the Company's medical officer must cover all sickness' tindika inekwivvokabilment li kwalsiasi haddiem li jrid jithallas tas-'sick leave' irid jipproduci certifikat mediku rilaxxjat mit-tabib tal-kumpanija. Illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-attrici naqset milli tipproduci certifikat mediku mit-tabib tal-kumpanija ghas-'sick leave' li hadet wara l-10 ta' Mejju, 2000, u dan ghaliex hija rrifjutat li thalli lit-tabib tal-kumpanija jezaminaha f'din id-data.

Illi l-attrici ppruvat tiggustifika dan ir-rifjut billi qalet li hija kienet tilfet il-fiducju fit-tabib tal-kumpanija wara li dan naqas li jezaminaha fid-9 ta' Mejju, 2000, meta kien fid-dmir tieghu li jezaminaha.

Illi t-Tribunal m'huwiex ser jidhol fil-mertu dwar il-kontenut tac-certifilkati rilaxxjati minn Dr. Cassar Delia u Dr. Rizzo Naudi ghaliex jirritjeni li m'huwiex rilevanti ghal kaz u l-anqas ma hija fil-kompetenza tieghu li jiddeciedi liema diagnosi kienet korretta.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-attrici ma kienitx gustifikata li tirrifjuta li tigi ezaminata mit-tabib tal-kumpanija fl-10 ta' Mejju, 2000. Hija bhala mpjegata tal-kumpanija

hija marbuta bil-kundizzjonijiet tal-'collective agreement' u gahlhekk jekk kienet qed tippretendi li tithallas ghal granet ta' 'sick leave' li hadet kienet obbligata li taccetta li tigi ezaminata u ccertifikata mit-tabib tal-lkumpanija kif tistabbilixxi l-klawzola 18 (a) hawn fuq citata.

Illi l-argument tal-attrici li kien hemm okkazzjonijiet fejn il-konvenut nomnine accetta certifikati medici rilaxxjati minn tobba personali tal-impjegati huwa wkoll insostenibbli ghaliex fiz-zewg kazijiet li ghalhom ghamlet riferenza l-attrici, ic-certifikati medici in kwistjoni (Dok. LG1 u 2) dejjem gew iffirmati mit-tabib tal-kumpanija li spjega li kien jaqbel mal-kontenut taghhom. Fil-kaz tal-attrici dan ma sehhx ghaliex it-tabin tal-kumpanija ma kienx jaqbel mal-kontenut tac-certifikat rilaxxjat mit-tabib personali tal-attrici.

Illi t-Tribunal jidhirlu li una volta li l-attrici naqset milli tipproduci certifikat mediku rilaxxjat mit-tabib tal-kumpanija ai termini tal-klawzola 18 (a) tal-'Collective Agreement' il-konvenut nomine kien gustifikat li ma jhallasiex tal-granet li hija hadet bhala 'sick leave'.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra taghha.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR